MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tas-16 ta' Frar, 2012

Rikors Numru. 335/2011

Kawza fil-lista: 28

**A B**
**vs**
**C B**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors li permezz tieghu r-rikorrent ippremetta u talab hekk:

Illi l-partijiet izzewwgu fis-7 ta' Dicembru 1990, u minn dan iz-zwieg il-partijiet kellhom wild minuri, Daniel, li llum ghandu sbatax-il (17) sena, u l-manteniment dovut ghalih mir-rikorrent jinsab saldat kif pattwit permezz tal-Css kuntratt. Il-partijiet irrinunzjaw irrevokabbilment ghad-dritt taghhom li jitolbu u jircievu l-manteniment minghand

xulxin hekk kif stipulat ukoll fl-istess kuntratt ta' separazzjoni.

Illi l-partijiet ilhom legalment separati b' kuntratt redatt minn Nutar Dottor Peter Fleri Soler sa mit-13 ta' Lulju 2007;

Illi l-partijiet ilhom jghixu separatament minn xulxin ghal aktar minn erba' snin, u m' hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom;

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ghaldaqstant ir-rikorrent jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jiehu l-passi kollha necessarji biex dan id-digriet ta' divorzju jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat ir-risposta tal-konvenuta, li tinsab a fol.13 tal-process, u li biha qed ghat-talbiet attrici, stante li, skond hi, l-attur mhux qed jonera l-obbligu tieghu li jhallasha manteniment "adegwat u kontinwu" ghat-tifel minuri; talbet ukoll li fil-kaz li din il-Qorti tilqa' t-talbiet attrici, hi tigi awtorizzata li tirriverti ghal kunjom xbubitha "B";

Rat l-att tal-kawza;

Semghet lill-attur bil-gurament;

Ikkunsidrat;

Illi dak premess u mitlub jinsab sodisfacentement provat, u ghalhekk it-talbiet attrici jimmeritaw li jigu milqugha.

Ghal dawn il-motivi, tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti; u tippronunzja id-divorzju bejn il-partijiet; tawtorizza lill-konvenuta tirriverti ghal kunjom xbubitha "B"; u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien xahar javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-decizjoni tal-partijiet sabiex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------